MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 929/2011

**Julius SCIBERRAS u martu Carmen SCIBERRAS**

**Vs**

**Michael VELLA u TF CLOTHING LIMITED [C-43280]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-25 ta' Ottubru, 2011** u li permezz taghha huma talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' elf seba' mija u hmistax-il euro [€1,715] u dan wara li ppremettew hekk:

"Thallsuhom is-somma ta' elf sebgha mija u hmistax-il ewro (€1,715) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2011 rapprezentanti prezz ta' xoghol maghmul minn Julius Sciberras konsistenti f'xogholijiet ta' dawl, conduit fittings, kif ukoll telephone sockets u xogholijiet ohra relatati maghmula fil-hanut f'The Savoy Shopping Arcade, Republic Street, Valletta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Awwissu, 2011 bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fl-14 ta' Novembru, 2011 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-ammont rikjest mhux dovut peress li Michael Vella ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent;

2. Illi minghajr pregudizzju it-talba kontra TF Clothing Limited hi preskritta taht l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-risposta ta' l-20 ta' Settembru, 2011".

Ra s-sentenza moghtija mit-Tribunal fit-22 ta' Gunju, 2012 fejn ġiet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata;

Ra **r-risposta ulterjuri tal-intimati** minnhom mressqa fil-5 ta' Lulju, 2012 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Il-kont ppresentat minn Julius Sciberras huwa ezagerat kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' kawża. Illi Julius Sciberras ma hadimx iktar minn 30 siegha fit-total. Ma kienx hemm iktar minn 30 siegha xoghol".

Ra l-verbal tat-8 ta' Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Reghha ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' €1,715 rapprezentanti prezz ta' xoghol maghmul mir-rikorrenti konsistenti f'xogholijiet ta' dawl, conduit fittings, kif ukoll telephone sockets u xogholijiet ohra relatati maghmula fil-hanut proprjetà ta' l-intimati li jinsab fil-kumpless ta' hwienet maghruf bl-isem ta' The Savoy Shopping Arcade, ġewwa Republic Street, Valletta. L-intimati resqu żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel wahda mressqa mill-intimat Michael Vella li qal li l-ammont rikjest ma huwiex dovut minnu peress li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u t-tieni wahda mressqa mis-socjeta intimata li qalet li l-azzjoni fil-konfront taghha hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Dwar din l-ahhar eċċezzjoni, t-Tribunal diġà ppronunzja ruhhu dwarha permezz ta' sentenza moghtija minnu fit-22 ta' Gunju, 2012 u li permezz taghha cahad tali eccezzjoni. Sussegwentement permezz ta' risposta ulterjuri, l-intimati stqarrew li t-talba tar-rikorrenti kienet esagerata u li huwa ma hadimx iktar minn tletin (30) siegha xoghol b'kollox.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti **Julius Sciberras** xehed fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2012. Huwa qal li xogholu huwa ta' *electrician*. Stqarr ukoll li huwa ghamel xi xoghol lill-intimat fil-hanut tieghu gewwa s-Savoy Shopping Arcade. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk l-intimat qattx qallu li huwa kien qieghed jaghmel ix-xoghol fl-imsemmi hanut ghas-socjeta intimata, ir-rikorrenti wiegeb fin-negattiv. Anke r-ricevuta, jghid ir-rikorrenti, kien ghamilha direttament lill-intimat u mhux lis-socjeta intimata.

Ir-rikorrenti esebixxa ukoll dokument immarkat bhala dok. JS2 li huwa elenku tax-xogholijiet li huwa ghamel fil-hanut bl-isem ta' Junction lill-intimat Michael Vella. Fil-fatt, dan id-dokument huwa intitolat Mike Vella Junction.

Ghar-rigward ta’ isem is-socjeta intimata, r-rikorrenti jghid li huwa qatt ma semgha dan l-isem qabel ma gie biex jiftah il-kawza.

L-istess rikorrenti jghid ukoll li “*... l-konvenut meta kont inkellmu dwar il-kont kien qieghed juza mohhu fis-sens illi jghidli li s-suq qieghed batut u li ridt nistenna ftit biex ihallasni*” (fol. 18). Kien “*wara l-Gimgha l-Kbira tas-sena 2011 imbaghad il-konvenut kien qalli li jew niehu nofs is-somma jew inkella ma niehu xejn il-ghaliex ix-xoghol qalli l-konvenut ma kienx sar ghalih personalment izda ghal kumpanija TF Clothing Limited*” (fol. 18-19).

Ir-rikorrenti, bl-aktar mod car ighid li “*meta jiena tajt il-kontijiet is-Sur Vella u cioe l-konvenut huwa qatt ma qalli isma dan il-kont ridt tohorgu fuq il-kumpanija. Lili qatt ma tani x’nifhem li kien hemm kumpanija nvoluta*” (fol. 19).

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi meta kien beda x-xoghol fil-hanut de quo, ix-xhud ighid li fit-12 ta’ Jannar, 2009 ghamel xi xoghol biex nehha l-perikolu u cioe l-wiring tad-dawl ghall-bennejja. Imbaghad huwa kompla bix-xoghol fl-10 ta’ Frar, 2009. Meta gie mistoqsi meta huwa temm ix-xogholijiet tieghu, x-xhud ighid, fis-seduta tat-23 ta’ Mejju, 2012 li “*l-ahhar gurnata ta’ xoghol tieghi kienet fil-21 ta’ Marzu, 2009*” (fol. 28).

Fis-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2012 reggha xehed ir-rikorrenti. Huwa qal li kien ikun diversi drabi fil-hanut ta’ l-intimat. Kien imur hemm, jkompli jghid ir-rikorrenti, mhux biex jghaddi l-hin iżda biex jara li fejn kien ser jahdem hu ma jkunx hemm problemi, jew inkella jhalli problemi warajh. Hekk per eżempju, jkompli jghid ir-rikorrenti, “*meta nqala l-madum stajt nikkonstata li l-pipe tad-drain tal-aircondition kien maqsum ghalhekk kien jehtieg li jitbiddel, jigifieri jiena kont qieghed nara illi fejn kien hemm problemi fir-rigward tax-xoghol li kelli naghmel jiena tad-dawl u l-ilma u fejn kienu qeghdin jahdmu haddiehor per ezempju tal-madum u tas-suffett nara li ma nhallix problemi u kull fejn ikun hemm problema nsolviha*” (fol. 86). Huwa qal li ghalhekk huwa ghamel hin konsiderevoli fil-hanut ta’ l-intimat u mhux it-tletin (30) siegha li semma’

huwa izda ferm izjed. Qal li kull bicca xoghol li huwa ghamel dejjem kien jinforma lill-intimat bihom u dawn dejjem saru bil-kunsens tieghu. Fil-prezz indikat minnu fit-talba, jzid ighid ir-rikorrenti, hemm ukoll il-materjal. In kontro-ezami huwa qal li huwa kien gie nkarigat mill-intimat sabiex jghaddilu d-dawl. Qal li waqt ix-xoghol, mhux il-hanut il-gdid biss inqala' imma nqalghu t-tlett ihwienet tal-intimat.

Mistoqsi kemm jikkalkula li kien jehtieglu hin sabiex jaghmel ix-xogholijiet lilu rikjesti mill-intimat, ir-rikorrenti qal li "*... din mhux kwistjoni ta' hin. Jiena kont qieghed niccargja lil intimat skont il-points. Jekk ikun hemm point ma kontx nithallas bis-siegha imma skont kemm il-point naghmel*" (fol. 87).

Huwa qal li ta' kull *point* huwa kien qieghed izomm lill-intimat is-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) pari ghal tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€23.29). Qal li "*plakka wehidha hija point, bozza u switch f'daqqa huma point*" (fol. 87). Fl-ammont li huwa kien qieghed izomm ta' kull *point*, hemm inkluz il-materjal. Zied ighid li x-xoghol li irrikjeda l-intimat ma kienx fuq il-hanut il-gdid biss izda fuq it-tlett ihwienet kollha.

3. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2012 xehdet ukoll **Carmen Sciberras** li qalet li hi kienet tat il-kont tax-xogholijiet ta' zewgha lill-intimat personalment fil-hanut tieghu. Ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien qalilha li "*... kif appena jghaddi l-Milied kien ser ihallasni l-ghaliex ix-xoghol kien hazin*" (fol. 20). Hi ziedet tghid ukoll li "*l-konvenut qatt ma nforma lili jew lil zewgi dejjem waqt li kont inkun prezenti ma' zewgi li x-xoghol li kien qieghed jaghmel zewgi li kien qieghed isir ghal kumpanija. Kien fl-ahhar li ahna sirna nafu li l-konvenut qieghed ighid illi x-xoghol li ghamel zewgi kien ghal kumpanija*" (fol. 20).

In kontro-ezami hija qalet li kien l-intimat li qal lil zewgha biex jaghmel xi xogholijiet ta' dawl fil-hanut tieghu tal-Belt. Qalet ukoll li hi hadet biss il-kont lill-intimat u mhux ghamlitu. Dan ghamlu zewgha.

In kontro-ezami fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 ir-rikorrenti tghid li hija halliet il-kont ma' *salesgirl* tal-intimat u dan ghal habta ta' Novembru, 2010. Fil-Milied ta' dik is-sena hija mbaghad kellmet lill-intimat u staqsietu x'kien ser jaghmel bil-kont ta' zewgha. Qalet ukoll li "*minn meta tlesta x-xoghol u cioe fil-21 ta' Marzu tal-2009 sa Novembru 2010 jiena kemm il-darba kont mort ma' zewgi ghand il-konvenut u huwa dejjem jghidli ttihulix ghalissa*" (fol. 29). Ziedet tghid li meta beda jghaddi z-zmien, hija qalet lil zewgha li kien ikun ahjar li jaghtu l-kont lill-intimat "... *ghax ha jghaddina bi zmien* " (fol. 29). Il-kont kien lest mal-ewwel u cioe hekk meta zewgha lesta mix-xogholijiet li kien ghamel fil-hanut tal-intimat u ma inghatax lill-intimat dak iz-zmien l-ghaliex huwa kien qieghed jghidilhom li ried ftit taz-zmien sabiex in-negozju jirpilja. Imbaghad meta raw li kien ghaddej iz-zmien huma qabdu u tawh il-kont.

4. **Chantelle Grech,** *salesgirl* fil-hanut bl-isem Junction, qalet illi tiftakar lir-rikorrenti taghtiha l-kont fis-sajf tas-sena elfejn u hdax (2011).

5. **L-intimat Michael Vella** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li kien ilu juża s-servizzi tar-rikorrenti sa mis-sena 2001 u li wara li huwa kien ikun lesta x-xoghol minnu rikjest, huwa kien jitolbu l-kont u kien ihallsu mal-ewwel. Qal li l-prezzijiet tieghu dejjem kienu ragjonevoli u ghalhekk meta fl-2009 huwa talbu sabiex jaghmillu xi xogholijiet ġewwa l-hanut huma ma insistiex mieghu biex jaghtih stima dettaljata ta' kemm kien ser jiġi jiswa x-xoghol li huwa talbu biex jaghmel. Qal li ghar-rigward tax-xogholijiet l-ohra kollha li kien hemm bżonn li jsiru, huwa talab ghal stima minghand numru ta' kumpaniji u huwa offra x-xoghol "*... to the most competitive quotation supplied*" (fol. 77).

L-intimat kompla qal li meta r-rikorrenti kien lesta x-xogholijiet fid-9 ta' Marzu, 2009 huwa talbu l-kont f'aktar minn okkazzjoni wahda u r-rikorrenti kien jghidlu li ma kienx hemm ghaggla. Qal li minn dak-in-nhar li r-rikorrenti lesta x-xoghol sa dak-in-nhar li martu r-rikorrenti l-ohra kienet haditlu l-kont, ir-rikorrenti qatt ma kienu avvicinawh

ghar-rigward tax-xoghol li kien sar fil-hanut tieghu ("*my shop*" a fol. 77). Hekk kif appena huwa rċieva dan il-kont, huwa kien ikkomunika mar-rikorrenti u nfurmah li l-kont kien wiehed eċċessiv. L-intimat żied ighid li f'Novembru 2008 "*... I leased a shop (shop 43) adjacent to my then present shop. This extension was to increase my shop floor by 27m$^2$ to a total of 90m$^2$*" (fol. 77).

L-intimat qal li s-segwenti huma x-xogholijiet li huwa talab lir-rikorrenti sabiex jaghmillu fil-hanut:

- "*Disconnecting main power supply of shop 43 and removing of sockets/wires on wall which was being demolished.*

- *Channel (trinka) for 4 wall sockets (channel of 7 metres)*

- *Channel for 3 sockets (channel of 3.5 metres)*

- *Connections for 3 ceiling lights (shop 43) above the gypsum ceiling*

- *An electricity connection for AC on ceiling of shop 43*

- *An electricity connection at centre of shop floor for cash register/IT services*

- *Re-fitting of air curtain above door*

- *Re-fitting of security alarm at shop door*" (fol. 77-78)

Huwa qal li x-xogholijiet kellhom idumu erba’ (4) ġimghat u kellhom jibdew fl-10 ta’ Frar, 2009 u kienu kompluti fit-8 ta’ Marzu, 2009. Huwa esebixxa riċevuti fiskali li juru li l-hanut kien miftuh ghan-negozju sa l-4 ta’ Frar, 2009 u reggha fetah fit-12 ta’ Marzu, 2009.

Qal illi bejn is-7 ta’ Frar, 2009 u s-7 ta’ Marzu, 2009 – eskluż il-Hdud – huwa kien ikun kuljum fil-hanut sabiex jiftah ghall-haddiema li kienu qeghdin jaghmlu x-xogholijiet u kien jghin fix-xogholijiet ukoll.

Ir-rikorrenti, jghid l-intimat, kien imur fil-hanut u dan minkejja li huwa kien jaf li ma setgha jaghmel xejn xoghol l-ghaliex l-ewwel riedu jlestu l-haddiema l-ohra. Huwa kien jibqa fil-hanut u jitkellem mal-haddiema l-ohra waqt li dawn kienu jkunu qeghdin hemm fuq xogholhom. Ikompli jghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti kien imur il-hanut u kien jaghmel xogholijiet li huwa ma kienx mitlub jaghmel u imbaghad x’hin kien jasal id-dar huwa kien jiktibhom fuq il-kont u jzommlu taghhom. Bhala eżempju qal li “*... on one occassion the Carpenter was meant to ċart away the old 10mm glass (shop Windows) but the Carpenter thought it was too dangerous to take them away as they are*” (fol. 78). Kompla jghid li “*without being asked, Mr Julius Sciberras took a mallet, smashed the glass to pieces, went home, wrote it down and charged me for breaking down the glass*” (fol. 78).

Qal li r-rikorrenti dejjem kien ikun wahdu u hafna mix-xogholijiet tieghu kienu jehtiegu li jkun hemm tnejn min nies. Kien ikun l-intimat stess li jghinu f’dawn l-okkazzjonijiet (bhal per eżempju meta kien ikollu jiġbed il-*wires* minn gol-*conduit* jew ittellghet l-*air curtain*.

L-intimat jaghlaq billi jghid li l-kont tar-rikorrenti huwa wiehed eċċessiv meta jittiehed in konsiderazzjoni x-xoghol imwettaq mill-istess rikorrenti.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2012 kompla jixhed l-intimat u esebixxa sensiela ta' dokumenti tax-xogholijiet li saru fil-gypsum mir-rikorrenti. Dan did-dokument gie mmarkat bhala dok. SCB 1 (fol. 98 et seq.). Huwa spjega li l-parti l-kbira tax-xogholijiet saru fil-hanut bin-numru tlieta u erbghin (43) u erbgha u erbghin (44). Il-hanut bin-numru hamsa u erbghin ma sar l-ebda xoghol fih, ighid l-intimat, l-ghaliex baqa kif kien qabel. L-intimat imbaghad ghadda biex jispjega x-xogholijiet li saru fil-hwienet mill-intimat. Huwa qal li f'hanut minnhom, fejn kien sar il-gypsum, ir-rikorrenti kull ma kellhu jaghmel kien extension mill-plakkek eżistenti sabiex ikunu jistghu jixghelu l-bozzoz li gew inseriti fil-gypsum. Qal li x-xoghol tar-rikorrenti kien mehtieg li jsir fi żewġ stadji. L-ewwel stadju kien wara li jlesti l-bennej u dan sabiex ikun jista jaghmel it-trinek neċessarji u imbaghad wara li jkun lesta l-kahhal u tal-madum, jerga jidhol biex jaghmel il-*wiring*. Minkejja dan, ikompli jghid l-intimat, ir-rikorrenti kien imur fil-hanut kuljum meta fir-rejalta ma kellhux bżonn jersaq l-hemm. Ighid li kien hemm żewġ okkazzjonijiet fejn huwa qallu li ma kellhux ghalfejn jibqa jmur iżda minkejja dan, r-rikorrenti xorta wahda baqa jmur kuljum. L-intimat jilmenta mill-prezzijiet li żamm ir-rikorrenti u jaghti eżempju ta' meta wahhal tmien *luminaries* fejn qal li kien hemm saghtejn b'kollox. Huwa zammlu, jghid l-intimat is-somma ta' €200 ta' dawn ix-xopgholijiet. L-istess haġa ghar-rigward ta' l-*air curtain*. Huwa qal li din l-*air curtain*, ir-rikorrenti qalaghha minn post u poġġieha f'post iehor. Huwa qal li r-rikorrenti zammlu €35 kull darba talli ghamel hekk meta fir-rejalta huwa, u cioe l-intimat, kien qieghed jghinu.

Fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2012 l-intimat ppreżenta dokument li gie mmarkat bhala dok. MVX 1 (fol. 116) u qal

li dawn huma notamenti maghmulin minnu li fihom jindika fejn qieghed jaqbel mad-dokument li ppreżenta r-rikorrenti u fejn ma jaqbilx. Qal li r-rikorrenti ghamel sebgha u tletin (37) *point* b'kollox u mhux wiehed u disghin (91) *point* kif qed ighid huwa.

Fl-ahhar deposizzjoni tieghu, l-intimat qal li fil-hanut bin-numru erbgha u erbghin (44) kien hemm extension towers u parti mix-xoghol diga kien sar mir-rikorrenti sentejn qabel u tieghu kien thallas.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Illi l-intimat Michael Vella stqarr li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Dan l-ghaliex skond hu, kienet is-socjeta intimata TF Clothing Limited li inkarigat lir-rikorrenti sabiex jaghmel ix-xogholijiet gewwa l-hwienet tieghu li jinsabu fil-kumpless maghruf bl-isem ta' The Savoy, Republic Street, Valletta. Ir-rikorrenti stqarru li huma dejjem lill-intimat kienu jafu u li l-ewwel darba li semghu bil-kumpanija intimata kien "*wara l-Gimgha l-Kbira tas-sena 2011 imbaghad il-konvenut kien qalli li jew niehu nofs is-somma jew inkella ma niehu xejn il-ghaliex ix-xoghol qalli l-konvenut ma kienx sar ghalih personalment izda ghal kumpanija TF Clothing Limited*" (fol. 18-19). Huwa qal li l-intimat qatt ma semmielu li x-xoghol kien qieghed isir ghal kumpanija intimata tant li anke r-ricevuta kien ghamilha direttament lill-intimat u mhux lis-socjeta intimata.

7. Fuq dan il-punt insibu s-segwenti deċiżjonijiet moghtija mill-Qrati taghna:

i. **Charles O'Flaherty noe vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirriżultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta attriċi li l-hlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummercjali*"

ii. **Charles Mizzi et noe vs Teddie sive Edward Bor**g deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju, 1990:

"*La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu personalment iżda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel*"

iii. **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1992 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Illi hija haġa mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratt f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun raġonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni ... Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta attriċi (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-scjeta attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex żeffen fin-nofs lis-socjeta tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?*"

iv. **Joseph Stellini noe vs Emmanuel Cassar** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April, 1993:

"*... din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur ... seta ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element*

*fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent*"

v. **Edmond Barbara vs Victor Vella** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Gunju, 1993 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Huwa prinċipju stabbilit illi, fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntrarju, minn jikkontratta jitqies li kkontratta f'ismu stess: il-mandat ma jistax jiġi preżunt; anzi fin-nuqqas ta' provi ċari l-mandat ghandu jiġi eskluż*" u "*Ghalhekk min ma jkunx qieghed jikkontratta f'ismu iżda f'isem haddiehor ghandu l-obbligu li juri dan lill-parti l-ohra u jghid ukoll f'isem min qieghed jidher*".

vi. **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2002 inghad li:

"*Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn soċjetà b'responsabilita limitata, u ghaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut Michael Debono] li jġib il-prova li s-socjeta attriċi kienet ġiet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jiġi gestit minn soċjetà kummerċjali, skond hu s-socjeta [M.A. Supermarkets Limited]*"

8. Applikati dawn il-principji legali hawn fuq esposti ghall-provi prodotti jirrizulta li l-intimat bl-ebda mod ma qatt wera lir-rikorrenti li kienet is-socjeta intimata li kienet qeghda tikkontratta mieghu u allura ghandu ragun ir-rikorrenti jghid li huwa lill-intimat jaf ghax-xoghol li ghamel mertu tal-kawza odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimat Michael Vella qeghda tigi michuda.

9. Eccezzjoni ohra ta' l-intimati hija li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa ezagerat. Dan huwa l-aktar punt ikkontestat mill-partijiet u li wassal biex dawn il-proceduri damu daqshekk. Filwaqt li r-rikorrenti jghid li huwa ghamel wiehed u disghin (91) point – ara l-prospett tax-xogholijiet tar-rikorrenti minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2012 (fol. 109 et seq) – l-intimat ighid li huwa jaqbel ma sebgha u tletin (37) point maghmula mir-rikorrenti – ara r-risposta tal-intimati f'dan ir-rigward (fol. 116 et seq.).

10. Illi t-Tribunal zamm access fis-sit mertu ta' fejn saru x-xogholijiet u seta jikkonstata de visu x-xogholijiet li twettqu mir-rikorrenti u bil-lista li hemm esebita a fol. 89[1] daru l-ambjenti. Ta min jghid li waqt l-access, ir-rikorrenti spjega li huwa kien jikteb point anke meta ma jkunx ghamel xi haga konnessa ma l-elettriku u dan fis-sens li jekk huwa "*kissirt erba' hgigiet tal-vetrini, b'kejl ta' circa zewg metri b'zewg metri bi hxuna ta' 10mm, tal-hanut numru 45, fuq struzzjonijiet tas-Sur Vella u nehhejt il-materjal – 4 points*" (fol. 111) huwa minflok jghid li haqqu tant jew ser izomm tant jaqbad u jikteb il-kelma *point* li ghar-rikorrenti tfisser €23.29. Ghalhekk flok qal li huwa kien ser izzomm is-somma ta' €93.16c[2] talli kisser dawn l-erba' hgigiet u talli nehha l-materjal huwa kiteb erba' *points*. Hija din ir-raguni l-ghala l-partijiet qatt ma jistghu jaqblu fuq in-numru ta' *points* li saru u r-rikorrenti, ikollu jghid it-Tribunal, ikkontribwixxa mhux ftit ghal dan it-tahwid meta adopera din is-sistema fil-kont tieghu. It-Tribunal sejjer juza l-lista pprezentata mir-rikorrenti u jimxi skond din l-istess nota u jara fejn hemm qbil bejn il-partijiet u fejn ma hemmx qbil.

<u>Hanut numru 43 (new shop)</u>

| Numru fuq il-lista tar-rikorrenti | Tip ta' xoghol imwettaq skond ir-rikorrenti | Numru ta' points skond ir-rikorrenti | Hemm qbil bejn il-partijiet | Ma hemmx qbil bejn il-partijiet | Nota ta' l-intimat a fol. 116 et seq |
|---|---|---|---|---|---|

[1] wara li sar ir-*renumbering* tal-process dan id-dokument gie jibda minn fol. 110;
[2] Erba' (4) points bl-ghaxar liri Maltin (Lm10) ossia tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmi ta' euro (€23.29) jigu €93.16c.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | fuq dan in-numru ta' points | fuq dan in-numru ta' points | |
| | | | | | |
| 1. | Skonnetjajt il-conduit u l-wiring; provdejt 2 single plugs (s/p) u tubu temporanju sabiex ikunu jistghu jahdmu | 3 | 3 | 0 | 3 |
| 2. | 8 lampi (b'forma rettangola); 2 lampi (26 watts kull wiehed); lampa wahda, spare fil-vetrina tal-genb, gos-suffit u lampa mal-hajt | 12 | 4 | 8 | 2 |
| 3 | 7 double plugs; 1 single plug; air conditioner switch u l-outlet | 10 | 3 | 7 | 5 |
| 4 | Air conditioner drain layout u l-connection | 2 | 2 | 0 | 2 |
| 5 | Consumer unit u l-connection (fejn hemm il-main switch, is-salvavita u l-MCBs – 4 points li jirrapprezentaw it-tlett MCBs (lightining, airconditioner u l-plugs) u s-circuits (li jiehdu point wiehed) | 8 | 0 | 8 | Dan il-consumer unit diga kien hem |
| 6 | Sewwejt il-conduit | 3 | 3 | 0 | 3 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | tal-hadid, sosia metal steel conduit, meta sibt il-wires li jaghtu minn isfel, mikxufin u li kienu ta' periklu ghal kull min kien qed jahdem hemm gew jew kull min dahal go l-istess hanut – Illi s-supply kien three phase, neutral plus earth li huwa vultagg gholi | | | | |
| | | | | | |
| | Total | 38 | 15 | 23 | 11 |

<u>Hanut numru 44 (il-hanut tan-nofs)</u>

| Numru fuq il-lista tar-rikorrenti | Tip ta' xoghol imwettaq skond ir-rikorrenti | Numru ta' points skond ir-rikorrenti | Hemm qbil bejn il-partijiet fuq dan in-numru ta' points | Ma hemmx qbil bejn il-partijiet fuq dan in-numru ta' points | Nota ta' l-intimat a fol. 116 et seq |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 1. | Skonnetjajt il-conduit u d-dawl | 2 | 2 | 0 | 2 |
| 2. | 9 lampi tondi u linfa | 10 | 8 | 2 | 5 |
| 3 | Ghaddejt linja tat-telephone ghal tlett magni tal-credit cards, cioe tal-BOV tal-HSBC u tal-VISA | 2 | 2 | 0 | 2 |
| 4 | Ghaddejt ukoll 2 double plugs li | 4 | 2 | (2) €45 tal- | Ghal dan is- |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | huma konnettjati dirett fuq RCBO (salvavita ghaliha diretta sabiex jekk ikun hem xi hsara jittripja dak is-circuit partikolari biss | | | RCBO | servizz ir-rikorrenti diga kien thallas |
| 5 | Fuq struzzjonijiet ta' Michael Vella u wara li l-madum kien tqieghed u tlesta kelli naqla zewg madumiet u ntawwal il-conduit u l-pipe ta' 40mm u tal-ispeakers peress illi s-Sur Vella ried jiccaqlaq il-cash point | 4 | 4 | 0 | 4 |
| 6 | Meta gew in-nies biex jinstallaw l-alarm, kelli nghaddi pipe ta' 40mm minn fejn it-tieqa ghal go s-suffitt u mit-twieqi ghal cash register u kelli wkoll nghaddi l-wires tal-alarm u tal-ispeakers ghall-posizzjoni li kellhom bzonn l-imsemmija nies | 5 | 5 | 0 | 3 |
| | | | | | |
| | Total | 27 | 23 | 4 | 16 |

<u>Hanut numru 45 (main entrance/front shop)</u>

| Numru fuq il-lista tar-rikorrenti | Tip ta' xoghol imwettaq skond ir-rikorrenti | Numru ta' points skond ir-rikorrenti | Hemm qbil bejn il-partijiet fuq dan in-numru ta' points | Ma hemmx qbil bejn il-partijiet fuq dan in-numru ta' points | Nota ta' l-intimat a fol. 116 et seq |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 1. | Air Conditioner switch u outlet | 2 | 0 | 2 | Diga kien installat is-switch ta' l-airconditioner |
| 2. | Air conditioner drain layout u connection | 2 | 0 | 2 | Diga kien installat |
| 3 | Recess conduit via detector alarm, permezz ta' thaffir gol-konkos u dana peress illi tal-madum ma kienx jghaddi bil-livell peress illi kien hem dislivell u ghaddejt current ghal alarm detector | 2 | 2 | 0 | 2 |
| 4 | Qlajt l-air curtain u ressaqtha fil-posizzjoni tal-entratura l-gdida u ghaddejtilha il-kurrent/supply | 2 | 0 | 2 | 2 |
| 5 | Skonnetjajt id-dawl li kien hem fuq in-naha ta' barra, ossija li | 1 | 0 | 1 | Ma hemm l-ebda dwal mal-genb tal-bieb jew fl- |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | kien hemm ma genb l-entratura l-gdida, bil-kurrent b'kollox | | | | entratura |
| 6 | Skonnetjajt halogen lamp, kif ukoll il-kurrent/supply li kien hem fuq l-entratura l-antika | 1 | 1 | 0 | 1 |
| 7 | Installajt lampa fir-rokna tal-genb tal-entratura | 1 | 0 | 1 | Ma hemm l-ebda lampa |
| 8 | Skonnetjajt 10 lampi tondi li kienu mad-dawra tal-vetrini fuq in-naha ta' gewwa u caqlaqt il-posizzjoni taghhom, kemm tal-lampa u kemm tal-wiring | 5 | 0 | 5 | Ma kien hem l-ebda kurrent x'jigi mnehhi |
| 9 | Wahhalt u ghaddejt il-wires ta' 4 speakers | 2 | 0 | 2 | Il-wires twahhlu mill-intimat |
| 10 | Kissirt erba' hgigiet tal-vetrini, b'kejl ta' circa zewg metri b'zewg metri bi hxuna ta' 10mm, tal-hanut numru 45, fuq struzzjonijiet tas-Sur Vella u nehhejt il-materjal | 4 | 0 | 4 | L-intimat qatt ma talab lir-rikorrenti sabiex jaghmel dan ix-xoghol |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Sewwejt il-main drain tal-air conditioners li kien jghaddi min gol-hanut numru 44 li kien miksur u nehhejt il-materjal li kien migmugh go fih | 3 | 0 | (3) ir-rikorrenti, ighid l-intimat kien diga zamm ta' dan il-pipe | Ma kien hem l-ebda drain jew a/c f'dan il-hanut |
| 12 | Taqqabdt il-madum sabiex l-alarm detector li s-Sur Vella kien installa, tigi reinfurzata u taqqabt ukoll il-madum sabiex is-Sur Vella ikun jista jaghmel il-firrolli tal-bieb tal-entratura | 1 | 1 | 0 | 1 |
| 13 | Bhala mizura ta' sigurta eliminajt kompletament il-main tal-hanut numru 44 u immodifikajt is-supply li taghti mill-hanut numru 44 sabiex dawn iz-zewg hwienet u cioe 44 u 45 jaqghu that main wiehed u l-hanut numru 43 kellu main ghalih – b'hekk nelimina certu periklu minhabba tahlit ta' current | 4 | 0 | (4) dawn saru sentejn ilu u diga kien zamm taghhom ir-rikorrenti ighid l-intimat | L-intimat ighid li dan ix-xoghol ghamlu r-rikorrenti |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | Total | 30 | 4 | 26 | 6 |

11. Minn dawn it-tabelli hawn fuq riportati, t-Tribunal jista jasal ghal konklużjoni li mill-wiehed u disghin (91) *point* li r-rikorrenti qieghed jghid li ghamel, waqt l-access li sar mit-Tribunal fil-presenza tal-partijiet kien hemm qbil da parti ta' l-intimat li r-rikorrenti ghandu dritt jithallas żgur ghal tnejn u erbghin (42) minnhom. Fin-nota mressqa mill-intimat, huwa indika qbil ukoll fuq erba' *points* ohra ma dak hawn fuq imsemmija biex b'hekk it-total ta' *points* maqbulin huwa ta' sitta u erbghin (46). Ma hemmx qbil fuq ir-rimanenti hamsa u erbghin (45) *point*.

12. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 qalet in materja ta' provi li r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[3].

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[4].

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni*

---

[3] Ara **Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Vol. XLVI/i/5);

[4] Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII/i/577);

*tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat*;

13. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].

14. Diga rajna li r-rikorrenti kien qieghed jindika bhala *points* xoghol li huwa jkun ghamel fil-fond mikri lill-intimat meta fir-rejalta ma jkun hemm xejn *points* involuti. Ezempju ta' dan insibu t-tkissir tal-hgieg u t-tehid tieghu l-barra mill-hanut ta' l-intimat, il-qlugh ta' l-air curtain u li din titqieghed f'post iehor, titqib tal-madum u d-*drain layout* tal-*air conditioner*. It-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti ghandu jithallas ta' dan ix-xoghol li huwa ghamel u li tieghu, ghalkemm ma indikax prezz fis, indika l-prezz bhala *point*. Kif diġà rajna, kull *point* huwa ekwivalenti ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) pari ghal tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin ċenteżmu ta' euro (€23.29). Ghar-rigward tad-dawl u xoghol iehor li ghamel kien hemm xi *points* li l-intimat deher li ma kienx jaf bihom waqt l-access

[5] Ara **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1912 (Kollez. Vol. XXIV/i/104);

u li intwerew lilu waqt l-istess. Dan peress li jkunu mohbija wara l-gypsum u/jew is-suffett. Anke ta' dawn ghandu jhallas taghhom. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jillikwida dan l-ammont ghal xogholijiet li ma ghandhomx x'jaqsmu mad-dawl u l-ilma u xi *points* li ma setghux jidhru jew milhuqa peress li kienu moghttija bil-gypsum jew bis-suffett b'mod *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u sebghin euro (€375).

15. Diga rajna li kien hemm qbil fuq sitta u erbghin (46) *point* li bit-€23.29 ghall kull *point* jiġi l-ammont ta' €1071.34.

16. Jekk jinghaddu dawn iz-zewg ammonti ta' €375 u €1,071.34 jigi l-ammont ta' elf erba' mija sitta u erbghin euro u erbgha u tletin ċenteżmu ta' euro (€1,446.34)c. Dan huwa l-ammont li ghandu jhallas l-intimat Michael Vella, l-ghaliex mill-provi prodotti ma jirriżultax li s-socjeta intimata kienet inkarigat lir-rikorrenti jaghmel xi haġa.
Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu u fir-risposta ulterjuri tieghu kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti inkwantu diretta kontra s-socjeta intimata u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Michael Vella jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija sitta u erbghin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€1,446.34c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimat Michael Vella.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------